**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 417/08**

Illum, 27 ta' Frar 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Josianne Azzopardi**
**(ID 341685 (M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Josianne Azzopardi**, ta' 23 sena, bint John u Jane nee` Cutajar, imwielda l-Pieta` nhar l-4 ta' Lulju 1985, residenti 35, Josvick, Schembri Street, Hamrun, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 341685(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2004 u matul l-aħħar erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ġo San Ġiljan u fi bnadi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti:

a) Biegħet jew offriet li tbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellha l-ebda awtorizżazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex tkun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) Ukoll talli fl-istess żmien, data u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienetx awtorizżata kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juri li ma kienetx għall-użu esklussiv tagħha;

c) Ukoll talli fl-istess żmien, data u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienitx awtorizżata kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

d) Ukoll talli kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ordni tal-istess Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tal-10 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne**

**Azzopardi**, wara referenza kostituzzjonali magħmula minn din il-Qorti fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet il-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-Ispettur (illum Supretendent) Josric Mifsud jirriżulta illi nhar it-12 ta' Frar 2004, waqt investigazzjoni ta' diversi persuni in konnessjoni ma' traffikar ta' droga, issemmiet ċerta Josianne Azzopardi ossia l-imputata odjerna. Skont l-istess Spettur, il-Pulizija Eżekuttiva ottjeniet kunsens mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex issir konsenja kkontrollata[1] u dan fis-sens illi kellu jsir kuntatt mal-imputata permezz ta' terza persuna sabiex l-istess pulizija tkun tista' tinterċetta lil Azzopardi, li allegatament kienet tipprovdi d-droga lit-terza persuna. L-istess Spettur ikompli jgħid illi l-Maġistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman tat il-kunsens sabiex it-terza persuna ċċempel lill-imputata fuq in-numru 79707936, fil-presenza tal-Ispettur u ta' pulizija oħrajn u dawn kienu ftiehmu li kellhom jiltaqgħu sabiex Azzopardi allegatament tipprovdi d-droga lit-terza persuna. L-Ispettur ikompli jgħid illi ftehmu sabiex jiltaqgħu ħdejn il-Liċeo tas-subien ġewwa l-Ħamrun, marru hemmhekk u x'ħin tfaċċat l-imputata, din ġiet arrestata. Tfittxija li saret fuqha rriżultat fin-negattiv u saret tfittxija ġewwa residenza "*fejn kienu qegħdin*"[2], dwar liema tfittxija l-Ispettur ma jgħid xejn iżjed. L-Ispettur jgħid ukoll illi l-istess imputata rrilaxxjat stqarrija lill-pulizija, liema stqarrija ġiet ikkonfermatha minnha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman.[3]

Fil-fatt mill-atti jirriżulta illi l-imputata rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-13 ta' Frar 2004[4], liema stqarrija ġiet sussegwentement ikkonfermatha minnha dakinhar stess quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, apparti illi kompliet tixhed f'iżjed dettal.[5]

Fl-atti ġiet esebita wkoll vera kopja ta' proċess verbal dwar stqarrija ġuramentata ta' Tyron Fenech fl-10 ta' Frar 2004. Irid jingħad li partijiet minn dan il-proċess

---

[1] Ara l-Artikolu 30B tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-Kapitolu 31 bis-saħħa tal-Artikolu 121Ċ tal-istess Kapitolu. Id-digriet tal-Maġistrat Inkwirenti jinsab esebit a fol. 101 tal-proċess.
[2] A fol. 31 tal-proċess. L-Ispettur jibqa' ma jindikax għal min kien qed jirreferi.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 30 u 31 tal-proċess.
[4] Din tinsab esebita a fol. 7 u 8 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 80 sa 96 tal-proċess.

verbal huma neqsin.  Madankollu, jirriżulta minnu illi l-istess Maġistrat Inkwirenti semgħet ix-xhieda ta' ċerta Amanda Agius (partijiet minn din ix-xhieda hija nieqsa)[6], ta' Tyron Fenech[7], Jacqueline Fenech[8], Josianne Azzopardi[9] u Dominic Camilleri.[10]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-kunsiderazzjoni ewlenija f'dawn il-proċeduri tirrigwarda s-siwi tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata, u dan kif sewwa sew issottomettiet id-difiża waqt it-trattazzjoni finali tagħha.  Huwa għalhekk biss wara li jiġi stabbilit liema mill-provi prodotti huma ammissibbli, u dan b'referenza għal ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, illi din il-Qorti tkun f'qagħda li tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata odjerna.

**Kunsiderazzjonjiet dwar l-ammissibilita` tal-istqarrija tal-imputata**

Kif ingħad, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija nhar it-13 ta' Frar 2004, liema stqarrija hija kkonfermatha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti dakinhar stess.  Qabel l-interrogatorju tagħha, l-imputata ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda stante illi fiż-żmien in kwistjoni l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt lil persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, u wisq inqas li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju, l-imputata ma ngħatatx dawn id-drittijiet.  M'hemmx dubju illi permezz ta' din l-istqarrija u s-segwenti xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwiretni, l-imputata għamlet dikjarazzjonijiet li kienu inkriminanti għaliha.

Fil-mori tas-smigħ tal-kawża odjerna, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016, id-difiża talbet sabiex ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti tibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi stabbilit jekk il-fatt li l-imputata ma kinitx ingħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel ġiet mitkellma mill-Maġistrat Inkwirenti u qabel irrilaxxjat l-istqarrija tagħha, kienx leżiv tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-

[6] Ara a fol. 42 sa 45 tal-proċess.
[7] A fol. 46 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol. 65 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol. 80 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol. 106 *et seq* u 167 *et seq* tal-proċess.

Drittijiet tal-Bniedem. Kif jirriżulta mill-verbal ta' l-istess seduta, il-Qorti laqgħet din it-talba u rreferiet il-kwistjoni lill-imsemmija Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġi determinat:

> "*Jekk il-fatt li l-imputata odjerna ma ngħatatx l-opportunita` li tikkonsulta ma' avukat qabel irrilaxxjat l-istqarrija tagħha lill-Uffiċjal Investigatur nhar it-13 ta' Frar 2004, kif ukoll jekk il-fatt illi ma ngħtatx dan id-dritt qabel ma kkonfermat din l-istqarrija tagħha bil-ġurament u xehdet quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-istess jum, jilledix id-dritt fundamentali tagħha għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*"[11]

Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi** dik il-Qorti ddisponiet minn din ir-referenza bil-mod segwenti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza lokali u anke tal-Qorti Ewropea dwar dan il-punt:

> "*Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet migħaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.*

[11] Ara a fol. 439 u 440 tal-proċess.

...

"*Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi <u>jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali de quo.</u> Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza.*"[12] [sottolinear ta' din il-Qorti]

Illi s-sentenza appena ċitata għaddiet in ġudikat. Għalhekk, in linea mal-istess sentenza, u sabiex ma jkunx hemm ksur tad-dritt fondamentali tal-imputata għal smigħ xieraq, din il-Qorti mhijiex biss prekluża li tagħmel użu f'dawn il-proċeduri mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar it-13 ta' Frar 2004, iżda hija wkoll prekluża milli tagħmel użu mix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Din is-sentenza ssegwi l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u oħrajn tal-Qrati Maltin, liema ġurisprudenza ġiet ukoll segwita f'diversi sentenzi oħrajn, fosthom dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem deċiża nhar it-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet <u>**Mario Borg vs Malta**</u>**,** is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fl-1 ta' Diċembru 2016 fl-ismijiet <u>**The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Obyeabor**</u>**,** is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Aldo Pistella**</u> u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet <u>**Christopher**</u>

[12] Ara din is-sentenza esebita a fol. 449 *et seq* tal-proċess.

**Bartolo vs Avukat Generali**, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** tal-20 ta' Novembru 2018.

Huwa evidenti wkoll illi din il-Qorti m'għandhiex biss tiskarta l-istqarrija u x-xhieda mogħtija mill-imputata, iżda għandha tiskartata wkoll kwalunkwe prova jew xhieda li tagħmel referenza għal din l-istqarrija. Għalhekk il-Qorti m'hijiex qed tieħu konjizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud in kwantu din tirreferi għal dak li stqarret l-istess imputata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar l-ammissibilita` tax-xhieda prodotta fil-proċes-verbal**

Illi fuq talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tiġi annessa fl-atti ta' dawn il-proċeduri kopja tal-proċes-verbal li ġie esebit fil-kawża fl-ismijiet 'Pulizija vs Jacqueline Fenech', liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti kif diversament preseduta, ġiet esebita f'dawn il-proċeduri kopja tal-proċes-verbal dwar stqarrija ġuramentata ta' Tyron Fenech, liema proċes-verbal jinkorpora fih ix-xhieda ta' diversi persuni fuq imsemmija.

Illi minkejja li l-proċes-verbal imsemmi ġie esebit fl-intier tiegħu (għalkemm kif ingħad ukoll hemm xi partijiet minnu neqsin, minkejja li ma jidhirx li dan sar intenzjonalment), u dan kif talbet il-Prosekuzzjoni, l-unika xhieda li jirriżulta li tista' tkun ta' relevanza għall-proċeduri odjerni hija dik ta' Jacqueline Fenech quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Altrimenti l-volum ta' xhieda u dokumenti rimanenti, ma huma tal-ebda relevanza għall-kawża odjerna. Oltre x-xhieda ta' Jacqueline Fenech, issir referenza minima għall-imputata fix-xhieda ta' Dominic Camilleri, li madanakollu ma hija bl-ebda mod determinanti għas-sejba ta' ħtija o meno tal-imputata dwar l-imputazzjonijiet odjerni.

Irid jingħad ukoll illi la darba skartata l-istqarrija tal-imputata u x-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, l-unika prova fl-atti fil-konfront tal-imputata odjerna hija x-xhieda ta' Jacqueline Fenech, mogħtija minnha ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu korrispondenti fil-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, minkejja illi d-difiża talbet illi tixhed l-istess Jacqueline Fenech, din baqgħet ma xehditx f'dawn il-proċeduri u dan stante illi kien għad hemm proċeduri pendenti fil-konfront tagħha.[13]

[13] Ara l-verbali a fol. 428 sa 439 tal-proċess.

Illi fir-rigward tax-xhieda ta' Jacqueline Fenech quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, l-abbli difensur tal-imputata jeċepixxi l-inammissibilita' ta' din il-prova u jiċċita in sostenn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Pierre Gravina** tas-26 ta' Mejju 2003.

F'din l-aħħar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet illi:

> *"Issa huwa principju generali li "...ix-xhieda ghandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Għal din ir-regola, pero`, hemm ċerti eċċezzjonijiet li jipprovdi għalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jiġu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eċċezzjoni tad-deposizzjoni meħuda in segwitu għall-ħrug ta' ittri rogatorjali bil-proċedura traċċjata fl-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali, proċedura li ġiet ritenuta applikabbli anke għal kawżi sommarji (ara* ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika ġiet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi każijiet wara l-ħruġ tal-att ta' akkuża. U hemm l-eċċezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minħabba mard jew xjuħija (Art. 647, Kap. 9). Jiġi osservat li anke fil-każ ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemgħu f'darhom, l-imputat jew akkużat għandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigħ tax-xhud jew li jaħtar rappresentant tiegħu għal waqt tali smigħ – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha ċara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eċċezzjoni, pero` mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[14] ta' l-istess Kodiċi. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li minn ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminaħ dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija*

[14] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

*dik kontenuta fl-istqarrija ġuramenetata  u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* **Kostovski v. Netherlands** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkużat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings***[15]."

*Fil-każ in diżamina Mentosa la ġie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tiegħu permezz tal-proċedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, għalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija ġuramentata tiegħu u mhux, kif effettivament għamlet, tistrieħ in parti fuqha…*".

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

"*Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet magħmula minn persuni li in segwitu qatt ma jinġiebu bħala xhieda fil-proċess. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegħ xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkużat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab ħati.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn ingħad illi:

[15] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

"*S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere ... tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, <u>basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce</u> ... ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646).*"

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat</u>**, wara li dik il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101, kif ukoll għall-Artikolu 661 tal-Kap. 9, li għalih l-imsemmi Artikolu 30A jagħmel eċċezzjoni, ingħad hekk:

"*Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament*

*stipulat illi "**ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce.**"*

*Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argumenti minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe` lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "**The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency**."*

*Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

***"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether***

***during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."***

*Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:*

*1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.*

*2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*

*3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.*

*4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata.*"

Stabbiliti dawn il-prinċipji legali, il-Qorti tqis illi sabiex tistabilixxi x'valur probatorju għandha tingħata x-xhieda ta' Jacqueline Fenech quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, la darba hija baqgħet ma xehditx f'din il-kawża, il-Qorti għandha tixtarr ukoll xi provi oħrajn nġiebu f'dawn il-proċeduri. Issa f'dan il-każ, għalkemm l-Ispettur Josric Mifsud xehed dwar kif, bil-kunsens tal-Maġistrat Inkwirenti u fil-presenza tiegħu, saret telefonata minn terza persuna – liema persuna fix-xhieda tiegħu huwa ma jindikahiex, għalkemm din hija ndikata fid-digriet tal-Maġistrat Inkwirenti – lill-imputata, li permezz tagħha sar ftehim dwar inkontru sabiex allegatament l-istess terza persuna takkwista d-droga mingħand l-imputata, kif ukoll dwar kif dan l-inkontru seħħ u li fuq il-persuna tal-imputata ma nstabitx droga, la darba skartata l-istqarrija tal-imputata odjerna u x-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, huwa evidenti illi l-istqarrija ġuramentata ta' Jacqueline Fenech hija l-unika prova deċiżiva fil-konfront tal-istess imputata, li tagħti dettalji dwar il-fatti spjegati mill-Ispettur Mifsud u li tipprovdi xhieda inkriminanti fil-konfront tal-imputata in kwantu traffikar ta' pilloli *ecstasy*. Fi kliem ieħor, mingħajr din ix-xhieda ta' Fenech, ma jibqa' assolutament xejn fl-atti li jista' jsostni sejbien ta' ħtija dwar l-imputazzjonijiet (a) u (b) fil-konfront tal-imputata. Żgur illi x-xhieda tal-Ispettur Mifsud, fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova oħra li tipprovdi dettalji dwar il-persuna li għamlet it-telefonata lill-imputata, dwar dak li ntqal jew dak li ntalab mit-terza persuna lill-imputata, u dwar dak li wieġbet

l-istess imputata jew dwar dak li allegatament offriet l-imputata, li wara kollox baqa' ma nstab xejn fuq il-persuna tagħha, jew dak li kellha allegatament tipprovdi lit-terza persuna, m'hijiex suffiċjenti sabiex tinstab ħtija fl-istess imputata fil-grad rikjest mil-liġi.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, la darba d-difiża ġiet prekluża milli tikkonfronta u tikkontrolla x-xhud Jacqueline Fenech billi tagħmel il-kontro-eżami tagħha, meta din eżerċitat id-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha fi stadju fejn kien għad hemm proċeduri pendenti kontriha, il-Qorti tqis illi m'għandhiex triq oħra ħlief illi tiskarta l-istqarrijiet ġuramentati u x-xhieda tal-istess Jacqueline Fenech quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Konsegwentement, la darba skartati kemm l-istqarrija tal-imputata odjerna u x-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll l-istqarrijiet ġuramentati u x-xhieda ta' Fenech ukoll quddiem l-istess Maġistrat Inkwirenti, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra l-imputata ma jirriżultawx ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata Josianne Azzopardi mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u qegħda tilliberaha minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur